Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 9 / 2020

Il-Pulizija

vs

**Lindsey Ebejer Coppola**

Illum, 01 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lindsey Ebejer Coppola, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 397786 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-24 t' April, 2019 ghall-habta ta' 15.40pm gewwa l-Luzzu Bar and Restaurant, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Maria Grazia Haber f' periklu car, ikkagunatilha hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Alfred Aquilina, detenur tan-nuru tar-Registru Mediku 871 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;
2. U aktar talli volontarjament kisret il-paci pubblika u / jew il-bon ordni b' ghajjat u / jew glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-art. 221 (l) u 338 (dd) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputata

Lindsey Ebejer Coppola hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha u ikkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt ewro multa.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Lindsey Ebejr Coppola sabiex tigi salvagwardjata Maria Grazia Haber ghal zmien hames snin mill-llum u dan b' dawk il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti ta' Lindsey Ebejer Coppola minnha pprezentat fil-5 ta' Frar, 2020 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha, tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magisrtati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Jannar 2020 mill-Magistrat Charmaine Galea LL.D, billi thassar dik il-parti fejn sabitha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, tbiddilha f'dik il-parti fejn giet ikkundannata ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' hames mitt Ewro (EUR500), oltre l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C, u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi galadarba l-esponenti ghal ragunijiet kompletament estranji ghaliha hija ser tillimita ruhha biss ghal sottomisjonijiet fir-rigward tal-provi prodotti fl-ewwel istanza.

Illi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti, u tal-ligi.

Illi dan jinghad peress li l-filmat innifsu jixhed fir-rigward tad-data u l-hin li fih jirrizulta li sehh l-incident li fih il-partijiet gew f'konfront fiziku.

Illi ghalhekk, il-hin u d-data li fih jirrizulta li sehh dan l-incident huwa fatt materjali ghal din il-kawza, fatt illi fl-ebda hin ma jirrizulta li ntqal li ma kienx korrett matul il-gbir tal-provi.

Illi mbaghad, filwaqt li l-akkuza tirreferi ghal data u hin specifiku l-istess filmat esebit fl-atti in sostenn tal-akkuza jirreferi ghal hin differenti u li ghalhekk, galadarba fil-hin specifiku, indikat fuq akkuzat specifika, ma jista` qatt jinstab il-htija dwarha stante li f'dak il-hin indikat fuq l-istess akkuza – effettivament ma sehh l-ebda incident.

Illi l-prosekuzzjoni kellha l-opportunita` u l-liberta` kollha sabiex in primis iggib l-akkuza li trid hi, u sussegwentement ukoll temenda jekk u kif thoss li kien necessarju, il-hin indikat fuq l-istess akkuza. Dan il-punt fil-fatt ma jirrizulta li gie ndirizzat bl-ebda mod, ma saret l-ebda varjazzjoni jew korrezzjoni fl-akkuza, u li ghalhekk il-filmat esebit bhala prova ma jista` qatt iservi sabiex tinstab is-sejbien ta' htija tal-esponenti meta l-hin indikat fl-istess filmat, ma jaqbilx ma dak il-hin indikat fl-akkuza.

Illi dwar dan il-punt l-esponenti taghmel ampja referenza ghal diversi sentenzi inkluz **Il-Pulizija vs Paul Micallef**[1] u **Il-Pulizija vs Frederick Muscat**[2].

Illi huwa palezi li fil-kamp penali l-akkuza hija krucjali u li daqstant iehor huma krucjali l-provi prodotti li ghandhom jaslu sal-grad ta' konvinciment lil hinn minn kull dubju dedatt mir-raguni, li effettivament, dak adebit lill-akkuzat ikun fil-fatt sehh fid-data, fil-hin u bil-mod indikat fl-imputazzjonijiet. Hawnhekk si tratta ma kaz fejn effettivament, il-provi prodotti mhux talli ma jwaslux sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi, talli effettivament ma jhallu l-ebda ekwivoku li fil-fatt, l-incident gara f'hin kompletament divers minn dak indikat fl-akkuza!

Illi indubjament dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw favur l-esponenti u li f'cirkostanzi simili dina l-Onorabbli Qorti tista` biss tillibera.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod sussidjarju, jigi rilevat ukoll li l-piena erogata hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

---

[1] 18 ta' Marzu 2011, Qorti tal-Appelli Kriminali, deciza mill-Onor. Imhallef Michael Mallia
[2] 6 ta' Marzu 2014, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona LLD

Illi dan kien incident wiehed izolat bejn zewg persuni li qatt ma kienu ltaqghu qabel, u li mghandhom l-ebda raguni ghalfejn jergghu jiltaqghu. Illi l-esponenti hija haddiema biezla u regolari, omm, li ndubjament ghaliha l-piena erogata hija oneruza u li, partikolarment tenendo kont tal-fatt li l-partijiet mghandhomx ghalfejn jergghu jiltaqghu, certament setghu gew esplorati forom ta' pieni alternattivi, oltre ghal hrug ta' ordni ta' protezzjoni li l-esponenti mghandha l-ebda diffikulta li tibqa` fis-sehh, f'kaz li l-ewwel aggravju ma jsibx l-akkoljiment ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi dwar dan, l-esponenti hija lesta li tissottometti ruhha ghal kull prova li dina l-Onorabbli Qorti thoss li tkun necessarja u ta' komfort, inkluz *social enquiry report* li jkun jista` jixhed dwar il-karattru tal-espoenti u l-fatt li dan l-incident huwa wiehed kompletament 'l barra min-natura taghha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-eduta tal.fejn awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha .

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** [3];

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace[4];**

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul**[5]**;**

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech**[6]**;**

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri**[7]*;*

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed**[8]**;** u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef**[9] kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami tal-provi kompilati u dan sabiex taghmel analizi taghhom biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghall-gudizzju milhuq minnha.

**PC 788 K. Xerri** xehed permezz ta' affidavit fejn stqarr li nhar l-24 ta April 2019 il-pulizija tad-distrett tal-Qawra gew mitluba minn certu Maria Grazia Haber telefonikament li kient ghada kemm giet aggredita minn persuna femminili ohra waqt li kienu qedin gewwa il-fond il-Luzzu Restauranet, il-Qawra.

Huwa mar fil-fond indikat fejn Maria Haber avvicinatu u wara li ppuntat lejn l-aggressur taghha tat il-vesjoni taghha ta' dak li kien gara. Qaltlu li l-appellanta alkkuzata li ghajtet ma bintha pero ma kienx minnu  izda kient qaltilha biex ma taghlaqx il-play area tat-tfal u qadu bil-kwiet. Staqsitha min kienet it-tifla taghha u qabditha minn idejha it-tnejn u qaltilha biex ma tmissheix izda qabdet ittiha. Il-kwerealtni stqarret li kellha gidma fuq idejha il-leminija u waqt il-glieda gibditilha xaghra u rifsitilha it-tifel.  Qaltlu I wara li gara dan kolu cemplet lill-pulizija.

Huwa staqsiha jekk riditx tmexxi il-kaz ghal Qorti u wiegbet fil-posittiv  u ghalhekk talabha tmur fic-centru tas-sahha sabeix ticcertifika il-griehi li kellha u tipprovdi certifikat mediku gewwa l-ghassa tal-Qawra.

Wara li kellem lil Maria Haber kellem lil Karen Grech li kienet fil-kumpanija ta Maria Haber fir-restaurant fejn din talbitu taghti il-versjoni taghha minhabba li

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Gunju 1994
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta'  April 1995
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta'  Novembru, 1995
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Marzu 2010

kient rat dak li kien gara. Din qalet li rat lill-appellanti taqbad lil Maria minn ghonqa u tefghata fl-art u bdiet taghtiha fl-istonku taghha imbaghad dahlu xi niex biex jifirduhom, pero minn dak I intqal ma semghet xejn.

Huwa kellem ukoll lill-appellanti u din qaltlu li ghandha tifla ta' ghaxar snin li marret fuqha u qaltilha li kien hemm mara li ghamlet ghaliha. Qaltilha biex ma tmurx tkellimha biex ma taqlax inkwiet u qaltilha li kienet ser tkellimha bil-kelma t-tajba. Marret fuq din il-mara u staqsietha jekk kellhiex xi probema ma bintha u qatilha 'iva' u dan ghax bdiet timblokka il-passag u missietha ftit biex tkellimha peress li wiccha kien in-naha l-ohra u qaltilha 'tmisnix tmisnix'. Qaltilha li marret tkellimha bil-kelma t-tajba u staqsietha ghalfejn kienet irrabjat ma bintha u hi mill-ewwel kelmitha bl-erra u gew fl-idejn .

Fuq il-mejda ma Lindsay kien hemm tlett min nies ohra li avvicinawh biex ikelmuh. Amanda Coleiro stqarret li rat lil Maria thebb ghal Lyndsay u tghid li marret ghal glied mill-ewwel u li ghajret lilha 'injoranta' u li qatt ma harget mid-dar. Graziella Abela qalet li semghet daghha fahxi u hafna storbju u indahlet u rat lil Maria Haber taqbad lil Lyndsay minn xaghra u marret tferaq. Joycelynn Bonello qalet li marret tigbor lit-tifel taghha ta tlett snin u ghax kienet fuq l-istess mejda ma shabha Lyndsay bdiet takkuzaha ukoll.

Qal li kellem ukoll lil Frans Schembri li huwa responsabbi ghal CCTV cameras sabiex jigi provdut footage tal akkadut fejn talab li ssir request biex jipprovdi dan il-filmat

Rat ukoll l-okkorenza[10] esebita mil-prosekuzzjoni fis-eduta tal-25 ta Gunju 2019 redatta minn PC 788 Keith Xerri u minn esami ta' l-istess rat li hemm dak kollu li xehed dwaru x-xhud PC 788 Keith Xerri.

Rat ic-certifikat mediku[11] rilaxxjat minn Dr Alfred Aquilina nhar l-24 ta' April, 2019 ghall-habta tal-5.15p.m gewwa ic-centru tas-sahha tal-Floriana fejn hemm indikat li Maria Haber giet ezaminata minnu u ikklasifika il-feriti li kellha bhala ta' natura hafifa.

[10] Fol. 9
[11] Fol. 13

**Maria Grazia Haber** xehdet[12]u spjegat li kient fil-play area ta San Pawl il Bahar fis-ena 2019 ghall-habta tat-3.30p.m. Tghid li kient ma grupp nisa u t-tfal taghhom kienu qed jilghabu ma tfal ohra fil-lay area. Spjegat li binha ta erba' snin huwa autistic u ghalhekk il-hin kollu ticcekjah u f'hin minnhom dahlet l-appellanti u qaltilha ' ghal li jista jkun hjajjatli mat-tifla tieghi?' Wegbitha li lanqas biss kienet taf min hi bintha u qaltilha biex ma tergax tmissha. Dak il-hin tghid li l-appellanti tkelmet hazinbilli daght u regghet irrepetiet ' Ghedtlek inti ghajjat mat-tifla tieghi?' u regghet tathielha. Regghet wissietha beix ma tmissiex u infexxet fiha . Qabditha minn xaghra, tefghatha ma l-hajt, sabtithau spiccat ma l-art . Binha u autistic u dan spicca taht saqajha u bdeit ittih bis-sieq waqt li kienet qed tipprova tipprotegih. Bdiet tghajjat biex izomulha it-tifel ghax kien dahal f'nofshom u l-appellanti bdeit titla fuq saqajha litteralment ghax ma kienitx taf x'qed tghmel. Spjegat l l-habiba taghha bdiet tissikaha ukoll u anke gibditilha xaghrha.

Spjegat li imbaghad qabdet ma xaghrha u l-appellanti gimitha gidma kbira tant li kellha id-demm hiereg minnha u anke qalatilha difer minn idejha. Imbaghad gew in-nies, shabha.Bdew iferquhom u inqala' kaos shih ghax innies bdew jghidulha 'int qed tiggenen?' Murija c-certifikat sebit fl-atti tghid li dan kien inghata lilha mic-centru tas-sahha ta' Floriana. Qalet li apparti l-feriti li ssubiet binha ta' ghaxar snn baqa' ihoss dan l-incident .

Spjegat li war ali kien sehh l-incident inntuat li fuqil-mejda dawn in-nisa kellhom xi flixken ta' inbid. Tichad I qat kelmet lit-tifla tal-appellanti jew qaltilha beix ma tmurx fil-play area. Mistoqsija x'qed taghmel meta fil-filmat tidher qed ixejjer idha tghi dli kient qed tghidilha biex ma tmisshiex. Qalet li meta qaltiha 'tergax tmisni' l-appellanti hebbet ghaliha.

**Karen Grech** xehdet[13] u stqarret li Maria Grazia Haber hija habiba taghha. Gharfet ukoll lill-appellanti u spjegat li meta kienu fil-play area Maria kient giet attakata minnha . Spjegat li dakinhark kienu grup nisa jieklu fir-restaurant tal-Luzzu flimkien mat-tfal taghhom . Kienu haslu il-kont beix imorru 'l hemm. Maria Haber marret biex tigbor it-tifel ghaleix kien qieghed il-play area u habiba

[12] Fol. 18 seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2019
[13] Fol. 27 seduta ta' nhar it-18 ta Novembru, 2019.

taghha qaltilha '*Maria kif ghadha ma gietx lura*?' u daret u rat corma nies quddiem Maria u fosthom kien hemm l-appellanti. Hija rat dan kollu min wara l-hgieg. F'daqqa u l-hin rat lil Maria ma l-art u dan ghaliex l-appellant marret ghaliha, hebbet ghaliha u Maria waqghet ma l-art u dahlet tigri biex tara x'kien gara u spiccat tferraq lill-appellanti minn ma Maria.

Mistoqsija jekk semghetx diskors li kien ghaddej fuq barra tghid li le ma semghet xejn . Meta marret fil-play area qaet lill-appellanti biex tikkalmna u din wegbitha '*Ikkalma*? *Ghax ma tibqax tara'*. In-nies l-ohra li keinu madwarhom kienu qed jigbdu lill-appellanti . Qalet li hi ma qabzet lill-ebda corma izda dahlet go fihom biex tferraq. Qalet li Maria kienet ma l-art u l-appellanti fuqha u kien ghalhekk li hasset il-htiega li tferraq. Dak il-hin ma ratx demm izda wara rat li Maria kellha xi dmija.

Il-Qorti rat il-filmat esebit fl-atti u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-kwerelanti Maria Grazia Haber kienet qed thares lejn 'play area' fejnkien hemm xi tfal qed jilghabu . F'daqqa u l-hin tidher l-appellanti tghid xi haga lill-Maria Grazia u fl-istes hin tmissilha idejha . Dak il-hin Maria Grazia donnha ingbidet lura u kienhemm xi tilwim bil-kliem . F'daaqa wahda pero l-appellanti hebbet ghal Maria Grazia  u waqqghetha ma l-art  u waqt li keitn ma l-art kompliet ittiha  u dan sakemm kein hemm terzi persuni li intervjenew fil-glieda . Dak il-hin jidher li kien hemm kommossjoni shiha tfal jghajtu u jibku.

Ghalhekk jidher li l-versjobni tal-fatti kif esposti mill-appellanti huma veri fis-sens li hija kient gewwa il-play area tara lil binha jilghab ma tfal ohra.  Kien hemm sitwazzjoni pacifika fis-sens ta tfal jilghabu jaqbzu u jidhru ferhanin. F'daqqa u l hin waqt li Mria Grazia qed thares proprju lejn it-tfal, giet l-appellanti min wara u qaltilha xi diskors u missietha . Dak il-hn Mara Grazia tidher qed tingibed lurau gholliet idejha u qalet xikliem . Kien proprju dak il-hin quddiem kulhadd li l-appellanti  fil-fatt hebbet ghaliha u bdeit taggrediha bis-sahha waqt li keinu 'barra mill-jimping castle  fl-istess playing area  fejnkien hemm it-tfal uhud minnhom zghar.  Ftit war ajidhru ommijiet jigbru lit-tfal taghhom waqt li l-glieda kient ghadha ghaddejja . Jidher ukoll I met al-appellantimarret titkellem mal-kwerealnti keint gja fil-kumpanija ta xi nisa ohra u l-kwerealnti dak ll=hjin keitn

wahedha. Hua minnu ukoll li l-glieda waqfet ghaleix kien hemm l-interventi ta terzi. Jirrizulta ukoll li Maria Grazia sofriet xi feriti ta natura hafifa kif deskritti minn Dr Aquillina u dan bhala risultat tal-aggressjoni tal-appellanti. Illi agir bhal dan u cioe ta' aggresjoni fuq mara qatt mhu accettabli wisq inqas agir bhal dan fi play area fejn kien hemm tfal li qed jaraw dak li kien ghaddej. Play area ghadnu jitqies bhala post sigur sabeix it-tfal igawdu il-paci u jiehdu gost jilghabu f'ambjent seren. Zgur li xena bhal dik murija fil-filmat ma hu ta' gid lil hadd wisq inqas lit tfal specjalment dawk li raw li ommijiethom kienu involuti.

Illi huwa minnu li fil-filmat li gie esebit u dwaru ma jdiehr li kein hemm l-ebda kontestazzjoni hemm idnikat li l-hin tal-incident kien ghall-habta ta 2.3 tal-jum 24 ta April 2019 u mhux ghall-habta ta 15.40 p.m ta l-istes jum kif indikat fil-komparixxi.

L-appellant issostni li ghalhekk minhabba li l-hin mhux ezatt u cioe hemm varjanza ta siegha hija m ghandhiex tinstab hatja. Illi mill-atti ma jdihrix li tali kwistjoni giet sollevata quddiem l-ewwel Qorit stante li fis-entenza din ma gietx indirizzata pero stante li din il-materja hija fil-fatt l-ewwel aggravju tal-appellanti din il-Qorti sejra tindirizzaha minnufih.

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Bezzina**[14] moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:

"F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-**subartikolu (2) ta' l –artikolu 360** tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*"'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'*

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza

[14] Deciza fis-26 ta' Mejju 2004

moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg**[15], intqal:

*"'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl- 1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione,ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il - funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami**[16])."*

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg**[17]:

*"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.*

*"'.....*

[15] Deciza fil-25 ta' Lulju 1994
[16] Deciza fid-19 ta' Gunju, 1989 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[17] Deciza fl-4 ta' Novembru 1994

*"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik iccitazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

Is-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali** jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri**[18]_moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

*"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"*

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni mhemm indikat l-hin bl-ezatt stante li hemm indikat il-hin bhala " ghal habta ta 15.40pm) meta fil-fatt l-incidetn sehh fil-12.45pm , izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "ghall-habta ta 14.40 hrs" naturalment il-hin ghandu jinqara bhala wiehed approssimattiv. Jinghad in oltre li li fi-ccitazzjoni hemm indikat l-lok fejn sehh ir-reat kif ukoll il-jum partikolari , apparti li l-appellanti kienet taf ben tajjeb ghal liema incident giet imresqa il-Qorti u cioe dik bir- referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali differnza fil-hin ma iwassalx ghal-llibeazzjoni tal-appellanti. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant ifl-ewwel aggravju biex din il-Qorti tilliberaha a bazi ta 'din id-diskrepanza minima fil-hin qed tigi rigetata.

Dwar il-kwistjoni tad-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti dwar il-fatti kif kompilatai jidher li l-ewwel Qorti kellhakul ragun tasal ghal gudizzju milqugh minha u tiddikjara lill-appelalnti hajta tal-incident in kwsitjoni u bhekk ikkawzat ferita volotnarja ta natura hafifa fuq Maria Grazia Haber u li kkawza storbju u ksur ta paci pubblika.

---

[18] Deciza fit-18 ta' Novembru 1994

Fit-tieni aggravju l-appelant isostni li l-piena hija eccessiva stante li dan kien incident izolat u li l-partijiet qatt ma regghu iltaqghu wara dan l-incident . Jigi carat li bhala principju , din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta statne loi hija dik il-Qorti li tkun ghexet il-process kollu u rat ilkomportametn u imgieba tax-xhieda izda jekk il-piena din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi imbaghad tkun sitqwazzjoni differenti fejn din il-Qortiikollha id-dover tbiddek il-pinea mghotija.

Il-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb** [19] fejninghad li:

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[20]" , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[21]" u ohrajn.)' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna*)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'** [22]: il-Qorti kkunsidrat li:-

*'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.'*

Illi fic-cirkostanzi il-piena li setghet timponi l-ewwel Qorti f'kaz ta' htija ghall-ewwel akkuza hija piena sa sentejn prigunerija jew multa skond l-artikolu 221 (1) tal kap 9 tal-ligijiet ta Malta . Issa skond l-artikolu 11 (1) tal kap 9 "*Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittinċenteżmu (1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa ugħoxrin ċenteżmu (23.29)"*

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Gunju, 1999
[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' April, 2003
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

Ghalhekk mela jirrizulta li bhal piena dik imposta mill-ewwel Qorti kient wahda monetarja li taqa fil-parametri tal-ligi u lanqas ma hi lejn il-massimu taghha minkejja li l-incident sehh gewwa play ground fil-presenza tat-tfal.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenzza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward ta' piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur